**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU SEBGĦA U ĦAMSIN**

**27 TA' FRAR, 2019**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-Viċi Chairperson Maria Schembri, l-membri Joseph D'Amato, u Marylin Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **57.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 57.1.1 | | Il-membru Kevin Sam Farrugia nforma li hu ma setgħax jattendi għas-seduta għax ser ikun imsiefer. L-appoloġija ġie aċċettata. |
| | | |
| **57.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 57.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħamsa u ħamsin –il seduta. |
| ***57.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON*** |
| | | |
| 57.3.1 | | Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li x-xogħol tal-Gvern fejn iċ-ċimiterju mixi bil-mogħod wisq, tant li l-kuntrattur mhux qed ikun fuq il-post ta'spiss.<br>Il-membru Joseph D'Amato qal li hu kemm –il darba jċempel lill-Kuntrattur biex ikompli x-xogħol. Imma l-istat tax-xogħol jibqa l-istess. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kien hemm qbil li jsir il-patching li hemm bżonn li jsir avolja suppost issir it-triq bit-tarmak. |
| | | |
| 57.3.2 | | Iċ-Chairperson qal li hemm bżonn li jsir qtugħ ta' ħaxix kullimkien. |
| | | |
| 57.4 | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-MEMBRI*** |
| | | |
| 57.4.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn is-suġġerimenti li kienu mressqa mir-residenti:<br>• Biex issir bollard/barrier fi Triq it-Torri k/ Triq in-Nigret minħabba li r-residenti qed ikollhom ħsarat mal-faċċata tad-dar bil-vetturi li jgħaddu.<br>*Kien hemm qbil li ssir bollard ħoxna.*<br>• Biex isiru parking bays fi Triq Fra Gan Marie Zammit.<br>*Kien hemm qbil li jsiru l-parking bays. Kien hemm qbil ukoll li jsiru parking bays fi Triq it-torri ukoll.*<br>• Biex il-parking bays fi Triq Zakkarija Ronkali jsiru dritti minflok slanting, għax residenti li għandhom garaxx qed ikunu ostakolati mill-vetturi ipparkjati fil-parking bays eżistenti.<br>*Kien hemm qbil li l-parking bays isiru mal-bankina orizzontali.*<br>• Biex parti minn Triq it-Torri issir no entry for heavy vehicles – intwera ritratt ta' crane għaddej mit-triq, inkaxxat mal-faċċati tar-residenti.<br>*Il-Kumitat Amministrattiv kien qabel li titwaħħal tabella tal-wisa tat-triq u r-resident li qed jitlob li t-triq issir no entry for heavy vehicles, ma aċċettahix.*<br>• Biex Triq it-Torri fil-parti ta' bejn Triq Fra Gan Marie Zammit u Vjal l-Indipendenza issir one way traffic.<br>*Kien hemm qbil li tinġabar petizzjoni tar-residenti u l-ħanut li hemm biex id-direzzjoni tat-traffiku tkun minn Vjal l-Indipendenza tidħol għal Triq it-Torri u toħroġ minn Triq Fra GanMarie Zammit.*<br>• Biex jingħata isem ta' triq lil waħda mit-toroq fi Triq Sant Agatha u t-triq l-oħra ser tkun imsemmija Triq Carmelo u Nina Schembri.<br>Ser jintalbu suġġerimenti fuq il-każ<br>• Biex isir yellow bay quddiem residenti anzjani ħafna fi Triq Bubaqra.<br>*Ma kienx hemm qbil fuq dan, biex ma joħroġx preċedent għal anzjani oħra.*<br>• Biex isiru sleeping policeman fi Vjal-l-Indipendenza viċin Triq Fortunato Dalli.<br>*Min irid is-sleeping policeman irid iġib il-firem ta' min iridha quddiemu.* |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 57.4.2 | | Il-membru Joseph D'Amato talab biex isiru parking bays fi Vjal l-Indipendenza. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 57.4.3 | | Il-Viċi Chairperson Maria Schembri talbet biex jinqatgħa l-ħaxix quddiem plots vojta fi Vjal l-Indipendenza. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***57.4*** | | ***Data u ħin tas-seduta li jmiss u data tal-laqgħa annwali*** |
| | | |
| 57.4.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15. Il-membri preżenti qablu li id-data tal-laqgħa li jmiss tkun l-Erbgħa 27 ta' Marzu, 2019 fil-17:30, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. |

Konfermati, illum ___27___ ta' MARZU, 2019.

IFFIRMAT
Pierre Farrugia
**Chairperson**

IFFIRMAT
Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**